MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Numru. 802/2004

PULIZIJA
SPETTUR BERNARD ZARB
VS
YOUSEF M ALFTISI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Yousef M Alftisi ta' 33 sena, bin Mouhammed u Fatima, imweled Tripoli, Libja fil-11 t'Ottubru 1970, resdenti Filcar Flats, Flat 2, Triq Giuseppe Despott, San Pawl il-Bahar detentur tal-karta tal-identita bin-numru 23878A talli fil-perjodu ta' bejn l-23 ta' Mejju 2004 u 17 ta' Settembru 2004, mil-fond Filcar Flats, Triq Giuseppe Despott, f'San Pawl il-Bahar, u f'diversi bnadi ohra madwar dawn il-gzejjer, b'dversi atti maghmulin fi zmnijiet differenti, li jiksru l-istess dsposizjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:-
Bena, biddel, ghamel, ippossjeda, biegh jew xtara xi apparat li bih kien jista jiikkommetti kontra l-ligi ma

sistema ta’ telekomunikazzjoni; u dan bi ksur tal-artikolu 298A tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli volontarjament qata, kisser, waqqa, iddustrigga, ghamel hsara jew nehha batterija, makkinarju, fl-gumna, arblu jew materjal  iehor jew kull haga ohra li taghmel parti mnn telegrafu, elettriku jew manjetiku, bil-fili jew minghajr fili, jew li tkun uzata jew li sservi f’dan t-telegrafu, jew fit-thaddim tieghu, jew ghamel xi haga li zzomm jew tfxkel b’xi mod ehor il-moghdija minn banda ghal ohra ta’ messagg u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 326 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igeghel titwemmen l-esistenza ta’ ntrapriz foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ kreditii mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jewbza dwar  x grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq bi hsara ta’ Maltacom plc, Mario Gatt, u dversi persuni ohra, dan bi ksur ta’ l-artikoli  308u 209 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli b’hekk sar ricediv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtja mill-Qrati tal-Magistrati fit-2 ta’ Dicembru 2003.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tal-24 ta’ Settembru 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 298, 326, 308, 309, 49, 50 u 28A tal-kap 9 u tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------